MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 449/2012

**Appell Nru.  449/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Keith Arnaud)**
**(Spt. Pierre Micallef Grimaud)**
**Vs**
**Curtis Bakoush**
**Omissis**
**Omissis**

**Illum 28 ta’ Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Curtis Bakoush [detentur tal-karta tal-identita` numru 340689(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-18 ta’ Novembru 2009, ghall-habta tal-hdax ta’ bil-lejl, minn gewwa l-fond bl-isem Café De Baron li jinsab fi Triq il-Batterija, il-Belt Valletta, ikkommettew serq ta’ makna tas-sigaretti, liema serq huwa aggravat bil-persuna, vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Martin Baron u ghall-kumpanija bl-isem British American Tobacco Ltd u/jew persuna jew persuni ohra;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal aktar minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), u dan ghad-detriment tal-kumpanija bl-isem British American Tobacco Ltd u/jew persuna jew persuni ohra;

Lil Curtis Bakoush wahdu akkuzat ukoll talli:

Nhar il-11 ta’ Jannar 2008 ghall habta ta’ l-hamsa ta’ filghaxija minn gewwa vettura LCA884 li kienet ipparkjata gewwa Sant Iermu fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom apparat tad-diving u ghodda ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu ewro (€232.94) izda li ma jaqbizx l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ewro (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ Subway Diving Ltd u/jew persuna/i ohra;

Kiser il-provedimenti ta’ l-artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta billi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ sentenza sospiza ghal sentejn moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Anthony G Vella LL.D fil-21/01/2008, liema perjodu ta’ sospensjoni kien rega beda jghodd mill-bidu b’sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Edwina Grima LL.D fl-14 ta’ April 2008.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Settembru, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 271, 279 u 20 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-appellant Curtis Bakoush hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u kkundannatu tmintax (18) il-xahar prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-appellant Curtis Bakoush mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom.
Il-Qorti ddikjarat lill-omissis mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom.
B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti kkundannat lill-appellant Curtis Bakoush sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' hames mija tmienja u ghoxrin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€528.56) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Ottubru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghuw ahdu, filwaqt li lliberatu minn l-akkuzi l-ohra kollha addebitati lilu, inkluz l-addebitu tar-recidiva, tvarja l-piena inflitta, u konsegwentement, timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi dan l-Appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna il-piena, stante illi, il-piena inflitta fuq l-appellant u cioe ta' tmintax-il xahar habs effettiv, kienet wahda eccessiva; ghalhekk fid-dawl ta'dak sottopost, l-appellant umilment

jissottometti li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta, u dan ghar-ragunijiet segwenti.

F’dan is-sens, fl-umli fehma ta’ l-esponent l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenan u accettat, fil-kuncett ta’ gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta’ llum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appeii Kriminali, datata 25 ta’ April 2006, per Onor lmhallef David Scicluna, fl-ismijiet; Il-Pulizila vs John Farrugia, fejn piena ta’ prigunerija ta’ sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbil Qorti, giet revokata ghal ordni ta’ servizz fil-komunita a tenur ta’ l-Artikolu 11 tal-Kap. 446. L-umli esponenti jirrileva li permezz tal-piena ta’ prigunerija ta’ hmistax-il (15) xahar imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti l-aspett riformattiv ma giex accenat, anzi l-esponenti jhoss li l-piena ta’ prigunerija li giet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva
f’dan il-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijet, l-appellant ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu, allavolja l-fedina penali tieghu bhala fatt hija dik li hi. Dan peress illi llum huwa persuna riformata, illi kellha tinghata cans iehor. Filfatt, kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-appeil, l-appellant, li kellu problema akuta ta’ droga, anke minhabba t-trobbija ferm difficli tieghu, illum huwa persuna totalment clean, qieghed f’relazzjoni stabbli ma’ tfajla bilghaqal, u anke qed ifittex xoghol.

Fil-kawza l-Pulizja vs Carmen Buttler, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta’ Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

F’dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta’ Il-Puliziia vs Charlot Aquilina, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta’ Novembru, tas-sena
elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta’ bidla. F’dan jl-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta’ natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta’Probation.

Ghal finijiet ta’ piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta’ abbuz mid-droga... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b’mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba’ snin... li tul dawn l-ahhar erba’ snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv... Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega’ qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe’ ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b’success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b’success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell
fid-9 ta’ Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk, issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b’applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta’ dak li jkun, mill-

banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista’, jew li m’ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga’ tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F’dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta’ Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: “Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina L-fedina penaLi tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f’dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; iI-bqija tal-kundanni, pero’, jinvolvu multi u habs.. . “Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta’ l-appellat hija “irriversibbli” - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss hi ggib stat
jew sitwazzjoni ta’ irriversibilita’ assoluta - anqas ma tista’ din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta’ l-Avukat Generali li Ordni ta’ Probation hu indikat biss ghal “first offenders” zghazagh. Anke fil-kaz ta’ persuna ta’ eta’ mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista’ tiffacca fil-hajja ta’ dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista’ jinkiser ic-ciklu ta’ kundanni u ta’ prigunerija.

Dawn is-sottomisjonijiet qed isiru ukoll fl-ispirtu tal-fatt, illi fis-sistema gudizzjarja taghna, se tigi introdotta l-parole, fejn anke persuna li diga qed tiskonta piena karcerarja, tinghata l-opportunitajiet kollha possibli.

Ikkunsidrat.

Irrizulta illi it-18 ta’ Novembru, 2009 ghal habta ta’ 11:00pm insterqet magna tas-sigaretti minn gewwa fond bl-isem ta’ Cafe’ Du Baron li jinsab fi Triq il-Batterija l-Belt Valletta fejn giet ukoll ikkagunata hsara fil-fond minhabba sgass. Il-pulizija rceviet rapport minn ghand zewg persuni li kienu residenti fil-British Hotel il-Belt stess fejn qalu li

semghu hsejjes kbar gejjin mit-tarag li hemm faccata tal-hotel u meta hargu ttawlu raw magna tas-sigaretti qed tigi mbuttata fit-tarag u raw zewgt irgiel jimbuttawha ghal isfel, huma taw deskrizzjoni taz-zewgt irgiel u x'kienu lebsin. Abbazi ta' din l-informazzjoni moghtija minn dawn iz-zewg persuni Deborah Elliot u Alfred Grech Ellul, il-pulizija arrestat li certu Annise Bejaoui li kien qieghed f'vettura hdejn Sant Irmu u kien liebes flokk iswed bil-kliem "Always" fuqu li kien jaqbel mad-diskrezzjoni moghtija minn Elliot u Grech Ellul. Annise Bejaoui gie nterrogat mill-pulizija fejn irrilaxja stqarrija filwaqt li ammetta l-involviment tieghu f'din is-serqa spjega wkoll li kien affettwa l-istess serqa flimkien ma persuni ohra u cioe' l-appellant u ohrajn. Serqa ohra sehhet fil-11 ta' Jannar, 2008 ghal habta tal-5:00 ta' wara nofsinhar fejn gie rrapurtat lill-pulizija illi minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCA 888 parkegjata fi Triq Sant Irmu l-Belt, Valletta, nsterqu diversi oggetti relatati mad-diving ghad-dannu ta' Subway Diving Limited. Sussegwentemet l-appellant gie mressaq il-Qorti taht arrest u akkuzat b'dawn l-imputazzjonijiet.

B'Sentenza moghtija fit-28 ta' Settembru, 2012 (fol 416), il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni wahdu u kkundannatu ghal 18 il-xahar prigunerija u lliberatu mill-bqija ta' l-imputazzjonijiet.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha nterpona appell.

L-aggravju tieghu jikkoncerna l-piena, stante li l-piena nflitta fuqu ta' 18 il-xahar habs effettiv kienet wahda eccessiva. Di piu, fil-waqt li rrikonoxxa illi l-appellant kellu problema akuta ta' droga, anki minhabba t-trobbija ferm difficli tieghu, llum huwa persuna totalment "clean" u qieghed f'relazzjoni ma tfajla bilghaqal u anki ghandu x-xoghol.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti nnutat illi fis-Sentenza taghha l-ewwel Qorti ma haditx inkonsiderazzjoni xi progress seta' ghamel jew

ma ghamilx l-appellant ghalhekk din il-Qorti tat diversi differimenti sabiex tara jekk verament l-appellant kienx qieghed ibiddel hajtu jew sempliciment ghamel hekk minhabba din il-kawza pendenti fil-konfront tieghu. Fis-seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013 (fol 433) Vicky Scicluna, Probation Officer infurmat lill-Qorti li ilha ssegwi lill-appellant zmien twil u qed tara fih bidla radikali fejn minn persuna dependenti b'mod qawwi fuq id-droga issa sar aktar stabli f'hajtu, ghandu xoghol permanenti u qed jikkopera ghal dan il-progress f'hajtu. F'dik is-seduta deher ukoll l-imghallem tieghu Marco Bartolo fejn ikkonferma illi huwa ta mpjieg lil Curtis Bakoush, l-appellant li hu qieghed jaqdi d-dmirijiet tieghu b'mod diligenti. Vicky Scicluna baqghet tinforma lil din il-Qorti kif fid-diversi diferimenti li graw wara fil-21 ta' Frar, 2013 u t-13 ta' Gunju, 2013 fejn infurmat lill-Qorti illi l-appellant baqa' juri progress notevoli, baqa' jahdem, it-testijiet qed ikunu "clean" u baqa' stabli f'hajtu.

Ikkunsidrat.

Minkejja l-hajja pjuttost refrettarja ta' l-appellant din il-Qorti mhijiex aversa ghad-dikjerazzjoni ta' Vicky Scicluna in rapprezentanza tas-Sedqa, illi llum l-appellant huwa persuna totalment differenti u riformata, ghandu xoghol u certa stabbilita f'hajtu. M'hemmx dubju illi dan huwa mertu taghha kif ukoll ta' professjonisti ohra illi dahlu biex jghinu lill-appellant u lil istess appelant u li b'rieda tajba u determinazzjoni qed juri illu huwa lest illi jkun cittadin onest fis-socjeta illi huwa jghix maghha. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti lesta li thares lejn il-kaz ta' l-appellant b'mod favorevoli u taghmel referenza ghall-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Ottubru, 2008 "Il-Pulizija vs Vitmar Hatterly u Justin Farrugia" fejn din fost affarijiet ohra qalet, *"Issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux kalcerarji a dispozizzjoni taghha bl-applikazzjoni taghhom bl-addoc u minghar ma tiehu kont xieraq ta' l-anticedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra mis-sempli fatt li persuna tkun precidentament inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista jew m'ghandiex f'kazijiet li jikkwalifikaw terga*

*tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikanta fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap 446 ....”*. Din is-Sentenza kkwotat b’success kawza ohra deciza mill-Qrati taghna “Il-Pulizija vs George Farrugia” tat-18 ta’ Jannar, 2001 fejn ukoll fost affarijiet ohra, dik il-Qorti kienet qalet, *“Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma l-Avukat Generali fejn dana jghid li s-sitwazzjoni ta’ l-appellant hija rriversibli – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta’ rriversibilita assoluta – anqas ma tista din il-Qorti tikkonvidini l-fehma ta’ l-Avukat Generali li ordni ta’ probation hu ndikat biss ghal first offerners zaghzagh. Anki fil-kaz ta’ persuna ta’ eta’ mhux zghira li forsi hu recidiv tista titfacca fil-hajja ta’ dik l-persuna “**a window of opportunity**” li permezz taghha jkun jista jinkiser ic-ciklu ta’ kundanni u ta’ prigunerija ....”*. Forsi f’dan il-kaz, tfacca ghall-appellant dan “***window of opportunity***” sabiex huwa jkompli jsegwi u juri dak il-progress illi wera s’issa. Fl-Atti hemm ukoll ittra mibghuta minn Dr. Joseph Tonna tas-Sedqa fil-11 ta’ Gunju, 2013 fejn gie ddikjerat “ *From the medical prospective, his overall progress ogres well for a long lasting recovery. However he must keep attending all appointments with the respective professionals. I emphasis that time in prison will definitely not target his recurrent difficulties*..” Din il-Qorti sejra tieghu dan il-parir, pero’ l-appellant irid ukoll jirrealizza li ghandu jkompli jattendi l-appuntamenti kollha mal-professjonisti illi qeghdin hemmhekk biex jghinu u jirrealizza wkoll illi jekk huwa xi darba ma jikkoperax jew jerga lura ghall-hajja ta’ qabel, din id-darba mhuwiex se jkollu opportunitajiet ohra u hija l-bieb tac-cella tal-habs illi tinghalaq warajh. Ghal din id-darba pero’ sejra taghti l-beneficcju tad-dubju u tawgora illi l-appellant verament biddel hajtu u jzomm l-istabilita illi s-issa wera f’dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata billi fil-waqt illi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu wahdu, fil-waqt li lliberatu mill-akkuzi l-ohra kollha addebitati lilu nkluz l-addebitu tar-recidiva, tvarja l-piena nflitta u minflok piena ta’ 18 il-xahar prigunerija, tilliberah taht il-provedimenti ta’

l-Artiklu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------